C/2024/1722

23.2.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11442 — LANTMÄNNEN / HKSCAN SWEDEN)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/1722)

1. Fit-13 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Lantmännen ek för ("Lantmännen", l-Isvezja)

— HKScan Sweden ("HKScan Sweden", l-Iżvezja) ikkontrollata biss minn HKScan Oyj

Lantmännen se tikseb fis-sens ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll uniku ta' l-HKScan Sweden.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Lantmännen hija assoċjazzjoni kooperattiva agrikola proprjetà ta' madwar 18 000 bidwi Żvediż attiv fl-agrikoltura, il-makkinarju, il-bijoenerġija u l-prodotti tal-ikel fit-Tramuntana tal-Ewropa.

— HKScan Sweden hija attiva fil-katina tal-valur għall-produzzjoni tal-laħam aħmar inklużi servizzi bħall-qatla, it-tqattigħ u d-dissussar tal-bhejjem tal-ifrat, tal-ħnieżer u tan-nagħaġ, kif ukoll il-bejgħ ta' laħam frisk u pproċessat u prodotti assoċjati, fl-Iżvezja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11442 — LANTMÄNNEN / HKSCAN SWEDEN

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË